# Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TANCHEV
ippreżentati fit-3 ta' April 2019[1]

**Kawża C-722/17**

**Norbert Reitbauer,**
**Dolinschek GmbH,**
**B.T.S. Trendfloor Raumausstattungs-GmbH,**
**Elektrounternehmen K. Maschke GmbH,**
**Klaus Egger,**
**Architekt DI Klaus Egger Ziviltechniker GmbH**
**vs**
**Enrico Casamassima**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bezirksgericht Villach (il-Qorti Distrettwali, Villach, l-Awstrija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Regolament (UE) Nru 1215/2012 — Ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Ġurisdizzjoni speċjali — Punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 — Tqassim tar-rikavat minn bejgħ b'subbasta — Azzjoni għal oppożizzjoni — Punt 1(a) tal-Artikolu 7 — Kunċett ta' 'kwistjonijiet relatati ma' kuntratt' — *Actio pauliana*"

1. Dan ir-rinviju mill-Bezirksgericht, Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach, l-Awstrija) jirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 7 u 24 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012[2] fil-kuntest ta' "azzjoni għal oppożizzjoni" Awstrijaka li, kif ser naraw, f'dan il-każ tammonta bażikament għal *actio pauliana* (b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament).

2. Milli jidher, fis-snin ta' bejn 150 u 125 QK, pretur bl-isem ta' Paulus ippermetta azzjoni li kienet tagħti lill-kreditur il-possibbiltà li jikkontesta kwalunkwe att imwettaq b'mod frawdolenti mid-debitur għad-detriment ta' dak il-kreditur, azzjoni li sussegwentement saret magħrufa bħala *actio pauliana*[3]. L-Artikolu 1167(I) tal-"*Code Napoléon*" Franċiż jipprovdi l-ewwel regola kkodifikata tal-"*action paulienne*" u jipprovdi li l-kredituri "peuvent aussi, en leur nom personnel, attaquer les actes faits par leur débiteur en fraude de leurs droits" [jistgħu wkoll jikkontestaw, f'isimhom personali, l-atti magħmula mid-debitur tagħhom bi frodi għad-drittijiet tagħhom][4].

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Brussell I irriformulat").

3 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża Feniks (C-337/17, EU:C:2018:487, punt 2 li jirreferi għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Deko Marty Belgium (C-339/07, EU:C:2008:575, punti 24 sa 26)).

4 Pretelli, I., "Cross-border credit protection against fraudulent transfers of assets: actio pauliana in the conflict of laws", *Yearbook of private international law*, Vol. XIII/2011 (2012), p. 590. Dan l-artikolu tal-code civil Franċiż ġie ssostitwit fl-2016 mill-Artikolu 1341-2: "Le créancier peut aussi agir en son nom personnel pour faire déclarer inopposables à son égard les actes faits par son débiteur en fraude de ses droits, à charge d'établir, s'il s'agit d'un acte à titre onéreux, que le tiers cocontractant avait connaissance de la fraude" [Il-kreditur jista' wkoll jaġixxi f'ismu stess sabiex jiġu ddikjarati mhux infurzabbli fil-konfront tiegħu l-atti frawdolenti mwettqa kontrih mid-debitur tiegħu, fejn ikollu l-oneru li jistabbilixxi, fil-każ ta' att b'titolu oneruż, li l-parti terza kontraenti kellha għarfien dwar il-frodi].

3. Dan ir-rinviju sar fil-kuntest tal-"azzjoni għal oppożizzjoni" ipprovduta mill-Artikolu 232 tal-*Exekutionsordnung* (il-Kodiċi Awstrijak dwar il-Proċeduri ta' Eżekuzzjoni, iktar 'il quddiem l-"EO") f'tilwima li qamet fir-rigward tat-tqassim tar-rikavat ta' bejgħ ta' dar b'subbasta. Il-kawża hija bejn in-negozjanti Norbert Reitbauer, Dolinschek GmbH, B.T.S. Trendfloor Raumausstattungs-GmbH, Elektrounternehmen K. Maschke GmbH, Klaus Egger, Architekt DI Klaus Egger Ziviltechniker GmbH (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), minn naħa, u Dr Enrico Casamassima (avukat, iktar 'il quddiem il-"konvenut"), min-naħa l-oħra. Ir-rikorrenti jsostnu li l-pretensjoni tagħhom kontra r-rikavat mill-bejgħ tieħu preċedenza fuq it-talba tal-konvenut u li l-qorti Awstrijaka għandha ġurisdizzjoni taħt ir-Regolament Brussell I irriformulat.

4. Għalkemm il-qorti tar-rinviju ssottomettiet domandi preliminari fir-rigward tal-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat, jien wasalt għall-konklużjoni li huwa fil-fatt l-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament li jista' jipprovdi bażi legali sabiex il-qorti tar-rinviju jkollha ġurisdizzjoni f'dan il-każ.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

#### *1. Ir-Regolament Brussell I irriformulat*

5. Il-Kapitolu II ta' dan ir-regolament bit-titolu "Ġurisdizzjoni" fih b'mod partikolari t-Taqsima I ("Dispożizzjonijiet ġenerali") u t-Taqsima 2 ("Ġurisdizzjoni speċjali"). L-Artikolu 4(1), li jista' jinstab fit-Taqsima 1, jipprovdi li "[s]oġġetti għal dan ir-Regolament, persuni b'domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jitressqu quddiem il-qrati ta' dak l-Istat Membru".

6. Skont il-punt 1(a) tal-Artikolu 7, li jinsab fit-Taqsima 2 tal-istess regolament, "[p]ersuna domiċiljata fi Stat Membru tista' tiġi mħarrka fi Stat Membru ieħor: [...] fi kwistjonijiet relatati ma' kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni".

7. Il-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 jipprovdu:

"Dawn il-qrati li ġejjin ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni esklużiva, independentement mid-domiċilju tal-partijiet:

1) fi proċedimenti li l-objettiv tagħhom ikunu drittijiet in rem fi proprjetà immobbli jew kirjiet ta' proprjetà immobbli, il-qrati tal-Istat Membru li fih tkun tinstab il-proprjetà.

[...]

5) fi proċedimenti li għandhom x'jaqsmu mal-eżekuzzjoni ta' sentenzi, il-qrati tal-Istat Membru li fih is-sentenza kienet jew għandha tiġi eżegwita".

### *B. Id-dritt Awstrijak*

8. Fir-rigward tan-natura tal-azzjoni għal oppożizzjoni prevista fl-Artikolu 232 tal-EO, it-tqassim tar-rikavat mill-bejgħ forzat b'subbasta ta' proprjetà immobbli għandu jiġi diskuss f'seduta orali; għal dan il-għan, il-kredituri huma meħtieġa jirreġistraw il-pretensjonijiet tagħhom kontra r-rikavat u jipprovdu provi dokumentarji. Matul is-seduta, jiġu eżaminati l-fondatezza u jsir konkors tal-pretensjonijiet. Il-kredituri u d-debitur jistgħu jikkontestaw pretensjonijiet li jkunu qed jittieħdu

inkunsiderazzjoni. Il-kontestazzjoni tista' tkun ibbażata fuq il-fondatezza, f'ċerti każijiet fuq id-data li fiha tkun dovuta l-pretensjoni kollha jew partijiet minnha, fuq il-garanzija pprovduta bil-proprjetà immobbli u fuq il-gradazzjoni fir-reġistru tal-artijiet, b'mod partikolari wkoll fuq il-validità tas-sigurtà *in rem* miksuba.

9. Sa fejn huwa rilevanti hawnhekk, l-Anfechtungsordnung (il-Kodiċi Awstrijak dwar l-*Actio Pauliana*, iktar 'il quddiem l-"AnfO") jipprovdi li l-kreditur għandu d-dritt li jannulla t-tranżazzjoni jekk il-proċeduri ta' eżekuzzjoni kontra l-assi tad-debitur ma koprewx jew ma jkoprux kompletament il-pretensjonijiet tal-kreditur u l-proċeduri ta' annullament joffru l-possibbiltà li l-pretensjonijiet jiġu ssodisfatti. Il-proċeduri ta' annullament jistgħu jitressqu fuq il-bażi ta' intenzjoni frawdolenti jew ta' tħarbit tal-assi, inklużi trasferimenti li jsiru b'mod gratuwitu. Jekk id-debitur iwettaq l-att legali bl-intenzjoni li jqiegħed lill-kredituri tiegħu fi żvantaġġ, u l-parti l-oħra tkun konxja minn tali intenzjoni, il-perijodu li fih jista' jiġi ddikjarat li tali att qiegħed jiġi kkontestat huwa ta' 10 snin, filwaqt li fil-każijiet l-oħra kollha, sentejn. Il-kontestazzjoni ta' att ma hijiex prekluża minħabba l-fatt li jkun inkiseb strument ġudizzjarjament eżegwibbli sabiex jiġi kkontestat l-att jew minħabba l-fatt li hija l-eżekuzzjoni li wasslet għall-att.

## II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja hija adita bid-domanda dwar jekk il-proċeduri legali li fl-EO jissejħu "azzjoni għal oppożizzjoni" jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat, meta tali proċeduri jirrigwardaw nuqqas ta' qbil bejn konkors ta' kredituri fuq it-tqassim tar-rikavat ta' bejgħ ġudizzjarju ta' dar b'subbasta.

11. B'mod iktar speċifiku, il-qorti tar-rinviju tagħmel id-domanda f'kuntest fejn ġie allegat, fl-"azzjoni għal oppożizzjoni", li l-pretensjoni tal-kreditur A (il-konvenut E. Casamassima), li tirriżulta minn ftehim ta' self iggarantit b'sigurtà *in rem*, u li tikkompeti ma' kontrotalba oħra tal-kredituri B (ir-rikorrenti Reitbauer *et*) hija invalida minħabba trattament preferenzjali (indebitu) tal-kreditur A. Din l-oġġezzjoni hija simili għal dik li, taħt id-dritt Awstrijak, hija magħrufa bħala *actio pauliana* (*Anfechtungsklage*).

12. F'każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-istess azzjoni għal oppożizzjoni taqax taħt il-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat.

13. Il-fatti jistgħu jinġabru fil-qosor fuq il-bażi ta' dak espost fid-digriet tar-rinviju.

14. Il-konvenut u Isabel C. (iktar 'il quddiem id-"debitriċi") jirrisjedu Ruma, l-Italja, u għexu flimkien minn tal-inqas sar-rebbiegħa tas-sena 2014. Fl-2010, huma xtraw dar f'Villach, l-Awstrija; u d-debitriċi kienet irreġistrata fir-reġistru tal-artijiet bħala l-unika proprjetarja. Id-digriet tar-rinviju jiddikjara, mingħajr ma jelabora ulterjorment, li l-kuntratti għax-xogħol ta' rinnovazzjoni estensiva tad-dar saru bejn id-debitriċi u r-rikorrenti, liema kuntratti ġew iffirmati bil-"parteċipazzjoni" tal-konvenut.

15. Peress li l-ispejjeż tax-xogħol ta' rinnovazzjoni qabżu l-istima oriġinali b'mod kunsiderevoli, il-ħlasijiet lir-rikorrenti ġew sospiżi. Għaldaqstant, mis-sena 2013 'il quddiem, ir-rikorrenti kienu involuti fi proċeduri ġudizzjarji fl-Awstrija kontra d-debitriċi; fil-bidu tas-sena 2014, ingħatat l-ewwel sentenza favur ir-rikorrenti, li ġiet issussegwita b'sentenzi oħra. Id-debitriċi appellat kontra dawk is-sentenzi.

16. Fis-7 ta' Mejju 2014, quddiem qorti f'Ruma, l-Italja, id-debitriċi ammettiet il-pretensjoni li għamel kontriha l-konvenut fir-rigward ta' ftehim ta' self, li jammonta għal EUR 349 772.95[5], u ntrabtet li tħallas dan l-ammont lil dan tal-aħħar fi żmien ħames snin taħt ftehim ta' tranżazzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, id-debitriċi ntrabtet li tirreġistra ipoteka fuq id-dar f'Villach (l-Awstrija) sabiex tikkawtela l-pretensjoni tal-konvenut.

17. Fit-13 ta' Ġunju 2014, ġie ppubblikat ċertifikat (ulterjuri) ta' dejn u ċertifikat ta' sigurtà *in rem* taħt id-dritt Awstrijak fi Vjenna permezz ta' nutar Awstrijak sabiex jiġi ggarantit l-arranġament imsemmi hawn fuq (sigurtà *in rem* nru. 1). Permezz ta' dan iċ-ċertifikat, is-sigurtà *in rem* fuq id-dar f'Villach ġiet ikkostitwita fit-18 ta' Ġunju 2014.

18. Is-sentenzi favur ir-rikorrenti saru eżekuttivi biss sa minn dik id-data. Għaldaqstant, is-sigurtajiet *in rem* li kellhom ir-rikorrenti fuq id-dar tad-debitriċi, li nkisbu permezz tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni legali (sigurtà *in rem* nru. 2), jikklassifikaw wara s-sigurtà *in rem* kuntrattwali nru. 1 favur il-konvenut.

19. Fit-3 ta' Settembru 2015, il-qorti f'Ruma kkonfermat li t-tranżazzjoni ġudizzjarja tas-7 ta' Mejju 2014 kienet tikkostitwixxi Titolu Eżekuttiv Ewropew[6].

20. Sabiex is-sigurtà *in rem* tiġi eżegwita, il-konvenut, fi Frar 2016, talab lill-qorti tar-rinviju (Bezirksgericht Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach)) tagħti ordni kontra d-debitriċi, li tirrikjedi bejgħ furzat b'subbasta tad-dar f'Villach. Id-dar inbiegħet b'subbasta fil-ħarifa tas-sena 2016 għall-ammont ta' EUR 280 000. L-ordni tal-iskrizzjonijiet fir-reġistru tal-artijiet turi li r-rikavat imur kważi kollu għand il-konvenut minħabba s-sigurtà *in rem* nru. 1 (irreġistrata taħt id-dritt Awstrijak f'Ġunju 2014).

21. Bil-għan li ma jseħħx dan, ir-rikorrenti ppreżentaw *actio pauliana* (*Anfechtungsklage*) f'Ġunju 2016 quddiem il-Landesgericht Klagenfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt, l-Awstrija) kontra l-konvenut u d-debitriċi. L-azzjoni ġiet miċħuda minn dik il-qorti "minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali minħabba d-domiċilju tad-[debitriċi u tal-konvenut]" barra mill-Awstrija. F'Lulju 2017, dik id-deċiżjoni saret finali.

22. Fl-istess ħin, ir-rikorrenti ressqu oppożizzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju (Bezirksgericht Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach)) fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2017 fir-rigward tat-tqassim tar-rikavat mill-irkant ġudizzjarju, u sussegwentement ressqu azzjoni għal oppożizzjoni, kif ipprovdut fl-EO, kontra l-konvenut.

23. F'din l-azzjoni għal oppożizzjoni, ir-rikorrenti talbu dikjarazzjoni li d-deċiżjoni dwar it-tqassim lill-konvenut ta' EUR 279 980.43 ma kinitx valida legalment peress li: (i) id-debitriċi kellha pretensjonijiet ta' danni kontra l-konvenut[7] ta' minn tal-inqas l-istess ammont daqs it-talba li joħorġu mill-ftehim ta' self, bir-riżultat li ma kienet għadha teżisti ebda pretensjoni (huma jsostnu li d-debitriċi kkonfermat li l-konvenut kien ta ordnijiet lir-rikorrenti mingħajr l-għarfien u l-kunsens tagħha); u (ii) iċ-ċertifikat tad-dejn u ċ-ċertifikat tas-sigurtà *in rem* ta' Ġunju 2014 saru sempliċement bħala formalità u bil-għan li jissorpassaw u jipprekludu lir-rikorrenti milli jressqu proċeduri ta' eżekuzzjoni fir-rigward tad-dar.

5 Il-konvenut spjega li dan l-ammont huwa r-riżultat ta' talba għall-ħlas ta' dejn u ta' kontrotalba. Id-debitriċi talbet lill-konvenut iħallasha EUR 70 000 għas-sahra. Imbagħad, fi proċeduri fl-Italja, dan tal-aħħar talab lil tal-ewwel tħallas madwar EUR 380 000 għax-xiri tad-dar u għax-xogħlijiet. Skont il-konvenut, id-dar kienet biss *formalment* tappartjeni lid-debitriċi, li kienet irreġistrata bħala l-unika proprjetarja, iżda l-fondi kienu pprovduti mill-konvenut. Finalment, iż-żewġ partijiet laħqu ftehim, fejn il-konvenut jirċievi l-ammont ta' flus għad-dar, iħallas lid-debitriċi għas-sahra (parzjalment) u l-eċċess ikun ta' EUR 349 722.95.

6 Skont ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar [Titolu Eżekuttiv Ewropew] għal talbiet mhux kontestati (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 7, p. 38).

7 Ir-rikorrenti jsostnu li fil-21 ta' Lulju 2015 id-debitriċi ppreżentat quddiem il-qorti ċivili ta' Ruma azzjoni għall-kumpens għad-danni ta' EUR 517 340 kontra l-konvenut. Għaldaqstant, "dawk iċ-ċirkustanzi juru li l-pretensjoni ta' dan tal-aħħar li kienet ikkawtelata b'sigurtà *in rem* ma kinitx għadha teżisti".

24. Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni kontra l-azzjoni għal oppożizzjoni. Ir-rikorrenti argumentaw li l-qorti tar-rinviju għandha ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat.

25. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bezirksgericht Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) [Il-punt 5 tal-Artikolu 24] tar-Regolament [Brussell I irriformulat] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni għal oppożizzjoni prevista fl-Artikolu 232 tal-Kodiċi Awstrijak dwar il-proċeduri ta' eżekuzzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' qbil fuq it-tqassim tad-dħul mill-irkant ġudizzjarju [bejgħ b'subbasta], taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni,

u dan ukoll meta l-azzjoni ta' kreditur li għandu dritt għal sigurtà *in rem* kontra kreditur ieħor li għandu dritt għal sigurtà *in rem*

a) hija bbażata fuq l-oġġezzjoni li dan il-dritt għal sigurtà in rem relatat ma' self permezz ta' sigurtà in rem stabbilita ma jibqax jeżisti minħabba kontrotalba tad-debitur għal danni, u

b) barra minn hekk hija bbażata – bħal fil-każ ta' *actio pauliana* [(*Anfechtungsklage*)] – fuq l-oġġezzjoni li l-bażi tad-dritt għal sigurtà in rem għal dan is-self, minħabba li tagħti trattament favorevoli lil kredituri, hija invalida?

2) (jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fin-negattiv):

[Il-punt 1 tal-Artikolu 24] tar-Regolament [Brussell I irriformulat] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni għal oppożizzjoni prevista fl-Artikolu 232 tal-Kodiċi Awstrijak dwar il-proċeduri ta' eżekuzzjoni f'każ ta' nuqqas ta' qbil fuq it-tqassim tad-dħul mill-irkant ġudizzjarju, jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni,

u dan ukoll meta, fil-każ li l-azzjoni ta' kreditur li għandu dritt għal sigurtà *in rem* kontra kreditur ieħor li għandu dritt għal sigurtà *in rem*

(a) hija bbażata fuq l-oġġezzjoni li dan il-dritt għal sigurtà in rem relatat ma' self permezz ta' sigurtà *in rem* stabbilita ma jibqax jeżisti minħabba kontrotalba tad-debitur għal danni, u

(b) barra minn hekk hija bbażata – bħal fil-każ ta' *actio pauliana* – fuq l-oġġezzjoni li l-bażi tad-dritt għal sigurtà *in rem* għal dan is-self, minħabba li tagħti trattament favorevoli lil kredituri, hija invalida?"

26. Ir-rikorrenti, il-konvenuti, il-Gvern Portugiż u dak Svizzeru u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019, l-istess partijiet, minbarra ż-żewġ gvernijiet, ippreżentaw sottomissjonijiet orali.

## III. Analiżi

### *A. Sunt tal-argumenti tal-partijiet*

27. Ir-rikorrenti jsostnu essenzjalment li għall-proċeduri li jirrigwardaw l-eżekuzzjoni tas-sentenzi huwa possibbli li wieħed jibbaża ruħu fuq il-ġurisdizzjoni taħt il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat, jew fin-nuqqas ta' dan, taħt il-punt 1 tal-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament peress li, *inter alia*, l-azzjoni għal oppożizzjoni għandha konnessjoni diretta mal-proċeduri ta' eżekuzzjoni.

28. Il-konvenut isostni essenzjalment li l-punt 5 tal-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament ma huwiex applikabbli għall-azzjoni inkwistjoni. Huwa jargumenta li l-azzjoni ma għandhiex rabta diretta mal-miżuri ta' eżekuzzjoni uffiċjali; qiegħed jintalab eżami sostantiv tas-sigurtà *in rem* li ġiet maħluqa favur il-konvenut. Min-natura tagħha, l-azzjoni li ġiet ippreżentata hija ekwivalenti għal *actio pauliana*; u l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li din il-ġurisdizzjoni ma tapplikax għall-*actio pauliana*[8]. Għaldaqstant dan għandu japplika wkoll jekk l-*actio pauliana* tiġi eżerċitata bħala mezz ta' oppożizzjoni kontra t-tqassim u l-azzjoni ta' oppożizzjoni sussegwenti. Barra minn hekk, il-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat ma huwiex applikabbli, peress li fl-azzjoni ta' oppożizzjoni hija nieqsa l-konnessjoni mal-post fejn tinsab id-dar inkwistjoni (l-azzjoni ta' oppożizzjoni seħħet biss wara li l-proprjetà immobbli kienet inbiegħet b'subbasta mill-qorti).

29. Il-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni jsostnu essenzjalment li mis-sentenzi tal-4 ta' Lulju 1985, AS Autoteile (220/84, EU:C:1985:302), tal-10 ta' Jannar 1990, Reichert u Kockler (C-115/88, EU:C:1990:3, iktar 'il quddiem "Reichert I"), u tas-16 ta' Novembru 2016, Schmidt (C-417/15, EU:C:2016:881), jirriżulta li l-kamp ta' applikazzjoni tal-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat ma jkoprix l-azzjoni ta' oppożizzjoni inkwistjoni hawnhekk.

30. Il-Gvern Svizzeru jsostni essenzjalment li l-azzjoni ta' oppożizzjoni tifforma parti mill-qafas ta' proċeduri ta' eżekuzzjoni u taqa' għaldaqstant taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat. Jekk din l-azzjoni titqies ukoll li tikkostitwixxi *actio pauliana*, allura l-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tkun trid tiġi ttrattata b'mod separat. Minħabba r-risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, dan il-gvern iqis li huwa dibattibbli kemm it-tieni domanda għandha tiġi diskussa.

## *B. Evalwazzjoni*

### *1. Rimarki preliminari*

31. L-ewwel nett, fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-konvenut issuġġerixxa li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi għal domanda preliminari addizzjonali. Din it-talba ma tistax tintlaqa' inkwantu l-qorti nazzjonali biss hija kompetenti sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża li jkollha quddiemha kif ukoll sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali[9]. Il-partijiet ma jistgħux jibdlu l-kontenut tad-domandi li l-qorti tar-rinviju tiddeċiedi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja[10] u l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex teżamina domandi preliminari oħra sottomessi mill-partijiet fil-kawża prinċipali[11]. Filwaqt li dawk il-partijiet huma liberi li jipproponu d-domandi preliminari lill-qorti tar-rinviju, din tal-aħħar ma hijiex marbuta b'dawk id-domandi meta tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja.

32. It-tieni nett, jidher li hemm xi nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar x'jikkostitwixxi s-sigurtà *in rem* rilevanti inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-partijiet jidhru li argumentaw waqt is-seduta li jew kien l-arranġament fl-Italja bejn il-konvenut u d-debtriċi jew inkella l-att ippubblikat min-nutar Awstrijak fir-rigward ta' dak l-arranġament. Madankollu, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta b'mod ċar li kien iċ-ċertifikat tas-sigurtà *in rem* li ġie ppubblikat fl-Awstrija min-nutar Awstrijak bejn il-konvenut u d-debitriċi li kien jikkostitwixxi l-bażi tas-sigurtà *in rem* fuq id-dar f'Villach. Dik is-sigurtà *in rem* inħolqot fit-18 ta' Ġunju 2014. Is-sentenzi favur ir-rikorrenti ma sarux eżekuttivi qabel dik id-data. It-tranżazzjoni ġudizzjarja tas-7 ta' Mejju 2014 ġiet ikkonfermata bħala Titolu Eżekuttiv Ewropew fit-3 ta' Settembru 2015, jiġifieri sena wara l-kostituzzjoni tas-sigurtà *in rem* fuq id-dar.

8 Sentenza tas-26 ta' Marzu 1992, Reichert u Kockler (C-261/90, EU:C:1992:149, iktar 'il quddiem is-"sentenza Reichert III").
9 Sentenza tal-11 ta' Settembru 2008, Eckelkamp *et* (C-11/07, EU:C:2008:489, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
10 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, T-Mobile Czech Republic u Vodafone Czech Republic (C-508/14, EU:C:2015:657, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).
11 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2013, Belgian Electronic Sorting Technology (C-657/11, EU:C:2013:516, punt 31), u tat-8 ta' Ġunju 2016, Hünnebeck (C-479/14, EU:C:2016:412, punt 36, u l-ġurisprudenza ċċitata).

33. Il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina essenzjalment jekk ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni esklużiva, ipprovduti fil-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat għandhomx, fir-rigward tal-"azzjoni għal oppożizzjoni", jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-funzjoni tal-azzjoni sħiħa jew fuq il-bażi tal-oġġezzjonijiet attwali u individwali mqajma.

34. Kif ser nispjega fl-analiżi tiegħi hawn taħt, il-punti 1 u 5 tal-Artikolu 24 ta' dan ir-regolament ma humiex applikabbli f'din il-kawża. Madankollu, wasalt għall-konklużjoni li fil-fatt huwa l-punt 1 tal-Artikolu 7 tal-istess regolament li jista' jipprovdi l-bażi legali għall-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju f'dan il-każ.

*2. L-ewwel domanda preliminari (il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat)*

35. Insostni (bħalma tagħmel il-Kummissjoni) li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-azzjoni għal oppożizzjoni *fl-intier tagħha* bħala azzjoni li tirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ma jkunx kompatibbli man-natura derogatorja tal-ġurisdizzjoni speċjali prevista taħt il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat, inkwantu l-kontenut ta' din l-azzjoni jista' jvarja kunsiderevolment u jinvolvi pretensjonijiet li huma differenti ħafna.

36. Dan huwa ulterjorment minnu inkwantu din id-dispożizzjoni ma għandhiex tiġi interpretata f'sens usa' minn dak meħtieġ mill-għan tagħha (sentenza tas-26 ta' Marzu 1992, Reichert vs Dresdner Bank, C-261/90, EU:C:1992:149, punt 25, iktar 'il quddiem "Reichert II").

37. Huwa minnu li l-azzjoni fil-kawża prinċipali tressqet fil-kuntest tat-tqassim tar-rikavat minn bejgħ ġudizzjarju b'subbasta u l-għan aħħari tar-rikorrenti huwa li l-pretensjonijiet tagħhom jiġu ssodisfatti mir-rikavat ta' dan il-bejgħ b'subbasta. Madankollu, dan ma jfissirx li hemm rabta mill-qrib awtomatika mal-"użu tal-forza, limitazzjoni jew qbid ta' proprjetà mobbli jew immobbli sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' sentenzi u tal-istrumenti awtentiċi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] kif meħtieġ bis-sentenza Reichert II (punti 26 u 27) u bir-rapport Jenard[12].

38. Għaldaqstant, sabiex tiġi stabbilita tali rabta mill-qrib (u ġurisdizzjoni esklużiva), jeħtieġ li tiġi eżaminata kull pretensjoni individwali. Fi kliem ieħor, f'din il-kawża għandu jiġi miċħud l-argument li wieħed jistrieħ b'mod globali u astratt fuq it-tip ta' azzjoni, peress li dan huwa l-uniku mod li jagħmilha possibbli li jiġi osservat l-ispirtu u l-għan ta' din id-deroga.

*a) L-ewwel oġġezzjoni tar-rikorrenti*

39. Ir-rikorrenti jallegaw li l-pretensjoni li toħroġ mill-ftehim ta' self, li kien ikkawtelat b'sigurtà *in rem*, ma kinitx għadha teżisti minħabba kontrotalba tad-debitriċi għad-danni mingħand il-konvenut. Madankollu, il-verifika tal-fondatezza ta' din l-oġġezzjoni tirrikjedi li l-qorti tar-rinviju tagħmel analiżi li titbiegħed kunsiderevolment mid-domandi li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tal-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta bħala tali.

40. Tali sitwazzjoni tkun paragunabbli ma' dik eżaminata fis-sentenza AS Autoteile[13] fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument li parti – f'rikors biex topponi l-eżekuzzjoni ppreżentat quddiem il-qrati tal-Istat kontraenti fejn tkun ser isseħħ l-eżekuzzjoni – teċċepixxi tpaċija bejn id-dritt li tiegħu tkun qed tintalab l-eżekuzzjoni u l-pretensjoni li fuqha l-qorti ta' dak l-istat ma jkollhiex ġurisdizzjoni li

12 Rapport ta' P. Jenard fuq il-Protokolli tat-3 ta' Ġunju 1971 dwar l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-Konvenzjoni tad-29 ta' Frar 1968 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kumpanniji u persuni ġuridiċi u fuq il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1979, C 59, p. 36).

13 Sentenza tal-4 ta' Lulju 1985 (220/84, EU:C:1985:302). Fil-punt 13, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat "il-punt dwar jekk, fi proċeduri ta' eżekuzzjoni, parti tistax tressaq oġġezzjoni bbażata fuq dejn li fuqu l-qrati tal-Istat kontraenti fejn għandha sseħħ l-eżekuzzjoni ma jkollu ebda ġurisdizzjoni li kieku kellha tiġi ppreżentata azzjoni indipendenti fuq dak id-dejn" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

kieku kellha titressaq b'mod indipendenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha fuq is-sistema tal-Konvenzjoni[14] u fuq in-natura derogatorja tal-Artikolu 16 tagħha u ddeċidiet li l-azzjoni inkwistjoni tmur kontra l-allokazzjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-qorti tad-domiċilju tal-konvenut u l-qorti tal-post ta' eżekuzzjoni.

41. Tali sitwazzjoni hija paragunabbli għal din ta' hawnhekk, li fiha t-talba ta' tpaċija tirrigwarda dejn li għandu jiġi eżegwit, fin-nuqqas ta' ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qorti ta' eżekuzzjoni li kieku din il-kontrotalba kienet tressqet b'mod indipendenti (fi kliem ieħor, li kieku kienet is-suġġett ta' azzjoni indipendenti).

42. L-estensjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali esklużiva għal dan il-każ – li jikkonċerna drittijiet dwar dejn jew drittijiet delittwali li *prima facie* huma indipendenti mill-azzjoni ta' eżekuzzjoni – tkun tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju mill-għan tad-dispożizzjoni inkwistjoni.

43. Għaldaqstant, l-ewwel oġġezzjoni ma tiġġustifikax il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti tar-rinviju taħt il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat.

### *b) It-tieni oġġezzjoni tar-rikorrenti*

44. Din l-oġġezzjoni tirrigwarda l-att notarili li rrikonoxxa d-dejn tat-13 ta' Ġunju 2014. F'dan il-kuntest, ir-rikorrenti jidhru li qed jikkontestaw id-dokument li fuqu huwa bbażat il-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta, iżda ma jikkontestawx il-mod li bih ipproċedew l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni bħala tali. Għaldaqstant, tista' tinsilet analoġija mis-sentenza Reichert II.

45. Fil-punt 28 ta' dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-fatt, azzjoni bħalma hija l-*actio pauliana* taħt id-dritt Franċiż hija intiża li tipproteġi l-interessi tal-kredituri, madankollu, ma "hijiex intiża li tikseb deċiżjoni fi proċeduri li jirrigwardaw l-'użu tal-forza, limitazzjoni jew qbid ta' proprjetà mobbli jew immobbli sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' sentenzi u tal-istrumenti awtentiċi' u għaldaqstant ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16(5) tal-Konvenzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

46. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat (li essenzjalment jikkorrispondi għall-Artikolu 16(5) tal-Konvenzjoni) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni għal oppożizzjoni taħt l-Artikolu 232 tal-EO ma taqax, bħala tali, taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 5 tal-Artikolu 24. Minflok, għandha tiġi eżaminata kull oġġezzjoni individwali. Oġġezzjonijiet li jirrigwardaw kemm l-ineżistenza tal-pretensjoni li fuqha huwa bbażat bejgħ ġudizzjarju b'subbasta kif ukoll l-invalidità tal-ħolqien tas-sigurtà *in rem* għal dik il-pretensjoni taħt ftehim ta' self ma għandhomx rabta mill-qrib suffiċjenti mal-proċeduri ta' eżekuzzjoni (il-qorti tar-rinviju stess tgħid, fil-paragrafu 45 tad-digriet tar-rinviju li dan jista' jkun il-każ) u ma jiġġustifikawx il-ġurisdizzjoni esklużiva taħt il-punt 5 tal-Artikolu 24.

### *3. It-tieni domanda preliminari (il-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat)*

47. Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-ġurisdizzjoni esklużiva tistax tkun ibbażata fuq il-punt 1 tal-Artikolu 24.

48. Naqbel mal-Kummissjoni li l-istess raġunament għandu neċessarjament japplika wkoll għat-tieni domanda preliminari, peress li l-ġurisdizzjoni esklużiva taħt il-punt 1 tal-Artikolu 24 tikkostitwixxi hija wkoll deroga mill-prinċipju ġenerali.

14 Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32).

49. In-natura eċċezzjonali tal-interpretazzjoni stretta tfakkret reċentement fis-sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Schmidt (C-417/15, EU:C:2016:881, punti 27 sa 34), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet essenzjalment li f'sitwazzjoni fejn l-azzjoni fil-kawża prinċipali tinkludi diversi oġġezzjonijiet, l-eżami jkun irid isir fuq kull oġġezzjoni u ma għandux ikun ibbażat fuq it-tip ta' azzjoni b'mod ġenerali.

50. Għaldaqstant, l-istess bħall-argumenti mressqa fl-analiżi tal-ewwel domanda preliminari (li essenzjalment jistgħu jiġu trasposti hawnhekk), l-eżami taħt il-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat għandu jkun ibbażat fuq kull oġġezzjoni individwali.

51. Nerġa' nirreferi għas-sentenza Schmidt (punt 34) imsemmija iktar 'il fuq, fejn "sabiex tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni ta' qorti tal-Istat Membru fejn tkun tinsab il-proprjetà immobbli ma huwiex biżżejjed li l-azzjoni tkun tikkonċerna dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli jew li l-azzjoni jkollha rabta ma' proprjetà immobbli".

52. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li tingħata ordni biex ir-rikavat mill-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta ma jitħallasx (kollu) lill-konvenut. Skont il-qorti tar-rinviju, "il-kwistjoni prinċipali [hija] dwar jekk u sa fejn il-kreditur konvenut jipparteċipa fit-tqassim". F'dan ir-rigward, l-azzjoni hija bbażata fuq żewġ oġġezzjonijiet: (i) fuq id-dejn/pretensjoni oriġinali – li l-pretensjoni bbażata fuq il-ftehim tas-self ma għadhiex teżisti; u (ii) fuq is-sigurtà *in rem* oriġinali – li s-sigurtà *in rem* għal dik il-pretensjoni taħt il-ftehim tas-self inħolqot bl-intenzjoni li jsir ingann.

*a) L-ewwel oġġezzjoni tar-rikorrenti*

53. Mill-punt imsemmi iktar 'il fuq jirriżulta li l-ewwel oġġezzjoni ma hijiex ta' natura *in rem* f'din il-kawża peress li l-kwistjoni tirrigwarda l-eżistenza ta' drittijiet bejn id-debitriċi u l-konvenut. Dan id-dritt ġie fis-seħħ fuq il-bażi tal-ħolqien tas-sigurtà *in rem* mill-konvenut u tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni li segwew.

54. Huwa minnu li l-eżistenza tal-pretensjoni, u tad-dritt li fuqu hija bbażata, servew bħala l-bażi tal-ħolqien tas-sigurtà *in rem*, u tal-proċeduri ta' eżekuzzjoni sussegwenti. Madankollu, kif indikat il-Kummissjoni, fil-kuntest ta' dik l-oġġezzjoni, id-dritt *in rem* la huwa l-għan prinċipali tal-azzjoni u lanqas is-suġġett tal-proċeduri. Biex jiġi stabbilit jekk il-pretensjoni tal-konvenut kreditur kontra d-debitriċi għadhiex teżisti ma hijiex meħtieġa analiżi speċifika tal-fatti. Lanqas ma hija meħtieġa l-applikazzjoni tar-regoli u konswetudnijiet tal-post fejn tinsab il-proprjetà immobbli (li hija l-unika ċirkustanza li tkun tiġġustifika l-ġurisdizzjoni esklużiva). L-eżami tal-ewwel oġġezzjoni għandu sempliċement effett awtomatiku fuq il-kostituzzjoni tas-sigurtà *in rem* u fuq il-proċeduri ta' eżekuzzjoni, iżda ma jikkostitwixxix l-għan prinċipali tal-azzjoni.

*b) It-tieni oġġezzjoni tar-rikorrenti*

55. Ir-rikorrenti jqiegħdu inkwistjoni l-validità tal-ħolqien tas-sigurtà *in rem* nru 1 favur il-konvenut. Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li din l-oġġezzjoni għandha titqies bħala *actio pauliana*. F'dan ir-rigward, għandha bilfors issir analoġija mas-sentenza Reichert I.

56. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-"*actio paulienne* fid-dritt Franċiż, madankollu, għandha l-bażi tagħha fid-dritt personali tal-kreditur fil-konfront tad-debitur u għandha l-għan li tipproteġi l-garanzija patrimonjali li tal-ewwel ikollu fil-konfront tal-patrimonju tat-tieni. Jekk tirnexxi, l-effett tagħha huwa li t-tranżazzjoni li biha d-debitur jiddisponi minn ġidu bi frodi tad-drittijiet tal-kreditur tiġi reża ineffettiva fil-konfront tal-kreditur biss" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

57. Ir-rikorrenti jsostnu li l-ħolqien tas-sigurtà *in rem* għall-pretensjoni inkwistjoni saret bil-għan frawdolenti li titneħħa d-dar mill-portata tagħhom.

58. Madankollu, l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk humiex ssodisfatti l-kundizzjonijiet għall-*actio pauliana* ma jippreżupponix evalwazzjoni marbuta strettament mad-dar f'Villach, li minnha nnifisha tkun tiġġustifika l-ġurisdizzjoni esklużiva (sentenza tas-16 ta' Novembru 2016, Schmidt, C-417/15, EU:C:2016:881).

59. Anki jekk l-azzjoni għandha xi rabta ma' dik id-dar u l-qbid korrispettiv tal-istess, dawn il-punti ta' rabta ma humiex b'saħħithom biżżejjed sabiex jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni esklużiva taħt il-punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat.

60. Konsegwentement, din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli għal tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

61. Dan premess, nikkunsidra li sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju li tgħinha sabiex issolvi l-kwistjoni quddiemha, jeħtieġ li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina wkoll, f'dan il-każ, l-applikabbiltà potenzjali tal-punt 1 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell I irriformulat[15] (li jirrigwarda l-kwistjonijiet relatati ma' kuntratt).

*4. Il-punt 1 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell I irriformulat*

62. Huwa minnu li l-qorti tar-rinviju ma tistaqsix espressament lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni preliminari fuq ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni l-oħra previsti f'dan ir-regolament.

63. Madankollu, "il-fatt li qorti nazzjonali fformulat, fuq livell formali, id-domanda preliminari tagħha billi rreferiet għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil din il-qorti l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li għandha quddiemha, sew jekk hija għamlitx riferiment għalihom jew le meta ressqet id-domandi tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeduċi mill-elementi kollha prodotti mill-qorti tar-rinviju, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti ta' liġi tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża"[16].

64. Peress li, b'mod partikolari, fis-sentenzi Reichert I u Reichert II[17] il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-*actio pauliana* la taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 16(1) tal-Konvenzjoni (li essenzjalment jikkorrispondi għall-*punt 1 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Brussell I irriformulat*) u lanqas taħt l-Artikoli 5(3), 16(5) (li llum essenzjalment huwa l-*punt 5 tal-Artikolu 24 tar-regolament imsemmi*) u 24 tal-Konvenzjoni, jew għandu jiġi rrikonoxxut li l-prinċipju *actor sequitur forum rei* ma jippermetti ebda eċċezzjoni f'każijiet li jirrigwardaw l-*actio pauliana*, jew l-uniku *forum* alternattiv huwa l-*forum contractus* imsemmi fl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell[18] (illum il-punt 1 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell I irriformulat) – għaldaqstant skont l-istruttura ta' dan ir-regolament jekk l-Artikolu 24 (ġurisdizzjoni esklużiva) ma huwiex applikabbli, allura jista' jintuża l-Artikolu 7 tagħha (ġurisdizzjoni speċjali).

65. Inqis li t-tieni alternattiva hija dik korretta.

15 Sentenza tat-28 ta' Ġunju 1978, Simmenthal (70/77, EU:C:1978:139, punt 57).

16 Sentenza tad-29 ta' Settembru 2016, Essent Belgium (C-492/14, EU:C:2016:732, punt 43).

17 Rispettivament, is-sentenzi tal-10 ta' Jannar 1990, Reichert u Kockler (C-115/88, EU:C:1990:3), u tas-26 ta' Marzu 1992, Reichert v Dresdner Bank (C-261/90, EU:C:1992:149).

18 Pretelli, I., iċċitat iktar 'il fuq, p. 603. Ara wkoll, f'dan is-sens, it-13th Report On National Case Law Relating To The Lugano Conventions ta' Borrás, A., Neophytou, I., u Pocar, F., Mejju 2012. Fuq l-*actio pauliana*, ara wkoll il-wisq ċitat Göranson, U., *Actio Pauliana outside bankruptcy and the Brussels Convention, Law and Reality*, f'Essays on National and International Procedural Law in Honour of Voskuil, Dordrecht, 1992, b'mod partikolari p. 101 *et seq.*

66. Pereżempju, dan l-approċċ diġà ġie adottat mill-qrati superjuri nazzjonali (bħalma hija l-*Corte di cassazione* [il-Qorti ta' Kassazzjoni, l-Italja], li ppermettiet lil parti (is-Sinjura Corkran) tikkontesta kuntratt li permezz tiegħu d-debitur u ex raġel tagħha kien biegħ proprjetà immobbli li tinsab fl-Italja lil kumpannija inkorporata fil-Gżejjer Verġni Britanniċi)[19].

67. Huwa rilevanti li matul dawn il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u qabel is-seduta f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat ukoll dan l-approċċ fis-sentenza tagħha Feniks[20] f'kawża li tinvolvi *actio pauliana*.

68. Fis-sentenza Feniks, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li meta l-*actio pauliana* tkun ibbażata fuq dejn li jirriżulta minn obbligi assunti wara konklużjoni ta' kuntratt, il-kreditur ta' dan id-dejn jista' jressaq din l-azzjoni fil-qrati "tal-post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni". Li kieku kien mod ieħor, il-kreditur ikun obbligat iressaq l-azzjoni tiegħu quddiem il-qrati tal-post fejn ikun iddomiċiljat il-konvenut, liema forum possibbilment ma jkollu ebda rabta mal-obbligi tad-debitur fil-konfront tal-kreditur tiegħu. F'dan il-każ, peress li l-azzjoni tressqet mill-kreditur sabiex jippreżerva l-interessi tiegħu fit-twettiq tal-obbligi li joħorġu mill-kuntratt ta' xogħol ta' kostruzzjoni, isegwi li l-"post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni" huwa, taħt dak il-kuntratt, il-post fejn saru x-xogħlijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tal-fehma li tali konklużjoni ssodisfat l-għan tal-prevedibbiltà tar-regoli ta' ġurisdizzjoni, speċjalment fil-każ fejn professjonist li daħal f'kuntratt għax-xiri ta' proprjetà immobbli jista' – fejn kreditur tal-parti l-oħra fil-kuntratt isostni li l-kuntratt jipprekludi indebitament it-twettiq tal-obbligi tal-parti l-oħra fil-konfront ta' dak il-kreditur – jantiċipa raġonevolment li jiġi mfittex fil-qrati tal-post tat-twettiq ta' dawk l-obbligi.

69. Il-frażi "kwistjonijiet relatati ma' kuntratt" ma għandhomx jittieħdu bħala li jirreferu għal kif ir-relazzjoni ġuridika inkwistjoni tiġi kklassifikata taħt id-dritt nazzjonali rilevanti (sentenza tas-17 ta' Ġunju 1992, Handte, C-26/91, EU:C:1992:268, punt 10). Ġeneralment, il-kliem tal-punt 1 tal-Artikolu 7 ta' dan ir-regolament ma għandux jitwessa' f'dan ir-rigward peress li l-verżjonijiet fil-lingwi differenti xi kultant huma usa' ("en matière contractuelle" bil-Franċiż, "in materia contrattuale" bit-Taljan, "matters relating to a contract" bl-Ingliż), xi kultant idjaq ("verbintenissen uit overeenkomst" bl-Olandiż) u xi kultant xi mkien fin-nofs ("vertragliche Ansprüche" bil-Ġermaniż)[21].

70. F'din il-kawża, ir-rikorrenti għamlu xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fid-dar f'Villach, li kienet tappartjeni lid-debitriċi, fuq il-bażi ta' kuntratt (kuntratti) konklużi magħha. Sussegwentement id-debitriċi naqset milli tħallas għax-xogħlijiet (kollha).

71. Għaldaqstant, peress li hemm relazzjonijiet kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u d-debitriċi – kuntratti li jirrigwardaw ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fid-dar (u potenzjalment ukoll bejn id-debitriċi u l-konvenut – ara, pereżempju, il-ħolqien tas-sigurtà *in rem* fir-reġistru tal-artijiet), ir-rikorrenti jistgħu jibbażaw ruħhom fuq il-punt 1(a) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell I irriformulat sabiex jippreżentaw azzjoni quddiem il-qrati fil-"post tat-twettiq tal-obbligazzjoni in kwistjoni", jiġifieri fl-Awstrija, il-post fejn saru x-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni.

72. Mis-sentenza Feniks jistgħu jinsiltu l-kundizzjonijiet li ġejjin sabiex *actio pauliana* tkun tiġġustifika l-ġurisdizzjoni kuntrattwali.

19 Pretelli, I., Corte di cassazione, Sezioni Unite, tas-7.3.2003, Nru. 6899, Corkran c. Casa Napoleone Ltd u Cashin, *Revue critique de droit international privé*, 2003, p. 612 *et seq.*

20 Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, Feniks (C-337/17, EU:C:2018:805). Minħabba n-numru ta' riferimenti għal din is-sentenza, ser nirreferi għaliha iktar 'il quddiem bħala s-"sentenza Feniks".

21 Ara Martiny, D., Internationale Zuständigkeit für "vertragliche Streitigkeiten", f'*Einheit und Vielfalt des Rechts: Festschrift für Reinhold Geimer zum 65. Geburtstag*, 2002, p. 641 u 648, u Magnus, U., u Mankowski, M., *ECPIL Commentary – Volume I, Brussels Ibis Regulation*, p. 163.

73. L-ewwel nett, huwa neċessarju li jkun hemm relazzjoni triangolari bejn ir-rikorrenti u l-konvenut. Kollha huma kredituri tad-debitriċi: bħala prinċipju, hemm relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u d-debitriċi, iżda mhux bejn il-kredituri (bejn ir-rikorrenti u l-konvenut).

74. It-tieni nett, iridu jkunu jeżistu pretensjonijiet bejn ir-rikorrenti u l-konvenut li joħorġu minn ksur tal-obbligi li d-debitriċi ppermettiet fil-konfront tar-rikorrenti. Hekk kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Feniks, punt 42, "kemm id-dritt ta' garanzija li għandha Feniks fuq il-patrimonju tad-debitur tagħha kif ukoll l-azzjoni għal ineffettività tal-bejgħ konkluż minn din tal-aħħar ma' terzi *joriġinaw mill-obbligi assunti liberament minn* Coliseum fir-rigward ta' Feniks *bil-konklużjoni tal-kuntratt marbut mal-imsemmija xogħlijiet ta' kostruzzjoni*" (enfasi miżjuda minni).

75. It-tielet nett, id-debitriċi tittrasferixxi l-patrimonju tagħha lil terzi, f'dan il-każ lill-konvenut. Dan iwassal għal telf/dannu għar-rikorrenti li jinvokaw id-drittijiet tagħhom mill-kuntratt konkluż mad-debitriċi.

76. Inkunu qegħdin nittrattaw obbligi li joriġinaw minn kuntratti meta (biex niċċita l-punt 44 tas-sentenza Feniks) "l-*actio pauliana*, [...] titressaq abbażi ta' drittjiet ta' kreditu naxxenti minn obbligi assunti bil-konklużjoni ta' kuntratt".

77. Is-sentenza Feniks ma tirrikjedix (għall-inqas mhux espliċitament) li l-konvenut ikollu għarfien tal-ewwel kuntratt, u lanqas ma tirrikjedi l-intenzjoni frawdolenti. Madankollu, f'din il-kawża, ċertament li t-terza persuna kellha l-għarfien u x'aktarx anki l-intenzjoni frawdolenti[22] fid-dawl tar-rabtiet personali u organizzattivi li jeżistu bejn id-debitriċi u t-terza persuna (il-konvenut). Fil-fatt, filwaqt li huwa minnu li l-informazzjoni disponibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward hija limitata, jista' jiġi osservat li, mill-inqas *prima facie*, iż-żmien tal-ħolqien tas-sigurtà *in rem* bejn id-debitriċi u l-konvenut jista' jitfa' ċerti dubji fuq il-ġenwinità tat-tranżazzjoni peress li jidher li l-għan prinċipali (u ż-żmien li ma jidhirx li kien kumbinazzjoni) kien li jiġu mxekkla l-pretensjonijiet tal-kredituri. Hekk kif indikaw ir-rikorrenti waqt is-seduta, kien hemm ċerta sekwenza ta' ġrajjiet: l-ewwel, wieħed mill-kredituri kien ressaq talba u diġà kien hemm ordni ta' eżekuzzjoni fir-rigward tad-dar f'Villach (anki jekk kienet miċħuda f'dak l-istadju). Kien biss f'dak il-mument li nħolqot is-sigurtà *in rem*. Fi kwalunkwe każ, huwa ċar li l-konvenut kellu l-għarfien ta' dan ukoll kif ukoll tal-obbligi kuntrattwali tad-debitriċi qabel ma nħolqot is-sigurtà *in rem*.

78. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jsegwi li s-soluzzjoni tas-sentenza Feniks tista' tiġi trasposta għal din il-kawża.

79. Finalment din hija kwistjoni li jkollha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju filwaqt li l-oneru tal-invokazzjoni tal-fatti li jiġġustifikaw il-ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell I irriformulat ġeneralment jaqa' fuq ir-rikorrent[23] (jiġifieri, fuq il-parti li tinvoka kap partikolari ta' ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 7). Waqt is-seduta, il-partijiet setgħu jieħdu pożizzjoni dwar is-sentenza Feniks u, b'mod partikolari, ir-rikorrenti argumentaw li din tikkorrobora l-pożizzjoni tagħhom li l-qorti tar-rinviju għandha ġurisdizzjoni esklużiva.

22 F'dan ir-rigward, ara b'analoġija, "għalkemm [...] il-qrati nazzjonali jistgħu, każ b'każ u billi jibbażaw ruħhom fuq elementi oġġettivi, jieħdu in kunsiderazzjoni l-imġiba abbużiva jew frawdolenti tal-persuni kkonċernati sabiex iċaħħduhom, jekk ikun il-każ, mill-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tad-dritt [tal-Unjoni] invokati, huwa xorta waħda għandhom, fl-evalwazzjoni ta' tali mġiba, jieħdu in kunsiderazzjoni l-objbjettivi tad-dispożizzjonijiet [tad-dritt tal-Unjoni] in kwistjoni" (sentenza tad-9 ta' Marzu 1999, Centros, C-212/97, EU:C:1999:126, punt 25).

23 Magnus, U., u Mankowski, M., iċċitat iktar 'il fuq, p. 145.

80. Kif indikat ġustament il-Kummissjoni waqt is-seduta, ir-relazzjoni triangolari tidher li hija paragunabbli fiż-żewġ każijiet. Huwa possibbli li jiġi konkluż li l-konvenut kien jaf li d-debitriċi ma kinitx onorat l-obbligi kuntrattwali tagħha lejn ir-rikorrenti. Fil-fatt, mid-dokumenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jidher li kien il-konvenut innifsu li ordna x-xogħlijiet u li kien responsabbli mis-sorveljanza tagħhom kif ukoll li, fi proċeduri li ilhom pendenti mill-2013 bejn ir-rikorrenti u d-debitriċi (jiġifieri, anki qabel il-kostituzzjoni tas-sigurtà *in rem* fl-2014), il-konvenut dejjem aġixxa bħala xhud tad-debitriċi.

81. Il-konvenut spjega waqt is-seduta li kien hemm ftehim qafas bejn il-perit (K. Egger, li huwa wieħed mir-rikorrenti f'dan il-każ) u d-debitriċi: l-ewwel wieħed bħala perit imma wkoll bħala l-kuntrattur ġenerali (jiġifieri li kienu konklużi diversi kuntratti ma' kumpanniji oħra taħt id-direzzjoni tiegħu). Dawn il-kumpanniji individwali ħarrku lid-debitriċi minħabba n-nuqqas ta' ħlas tal-fatturi. Għal dak li jirrigwarda l-konvenut, huwa pprovda l-fondi għax-xiri tad-dar u għax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni "u aġixxa, parzjalment, bħala l-persuna inkarigata u ffirma l-kuntratti".

82. Tnejn mill-għanijiet prinċipali tar-Regolament Brussell I irriformulat huma, l-ewwel nett, dak sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni legali tal-persuni stabbiliti fl-Unjoni Ewropea billi jingħata aċċess faċli lir-rikorrenti għall-qrati li huma jagħżlu sabiex jippreżentaw l-azzjoni tagħhom. It-tieni nett, dan ir-regolament huwa intiż sabiex jippermetti lill-konvenuti jantiċipaw b'mod raġonevoli l-qrati li fihom jistgħu jiġu mfittxija[24].

83. Filwaqt li naqbel li rridu nevitaw sitwazzjoni fejn il-konvenut isib ruħu mfittex f'ġurisdizzjoni li huwa ma setax raġonevolment jantiċipa (premessa 16 tar-Regolament Brussell I irriformulat, ara l-punt 96 ta' dawn il-konklużjonijiet), huwa ċar li dan ma huwiex il-każ hawnhekk.

84. Minħabba l-fatt li fis-sentenza Feniks il-ġurisdizzjoni f'materji kuntrattwali f'azzjonijiet ippreżentati kontra terza persuna kienet ġiet estiża għal *actio pauliana* minkejja li ma kien hemm ebda relazzjoni kuntrattwali bejn ir-rikorrent u l-konvenut, l-għarfien tat-terza persuna għandu jaħdem bħala fattur restrittiv: bħal f'dan il-każ, it-terza persuna trid tkun taf li l-att legali jivvinkola lill-konvenut mad-debitur u li dan jikkaġuna ħsara lid-drittijiet kuntrattwali ta' kreditur ieħor tad-debitur (ir-rikorrenti).

85. Kif jirriżulta mid-digriet tar-rinviju, "[p]ermezz tat-tieni oġġezzjoni mressqa f'din il-kawża, ir-rikorrenti qegħdin jeżerċitaw [...] id-dritt ta' annullament fil-kuntest ta' tqassim magħmul bħala parti mill-proċeduri ta' eżekuzzjoni kontra l-konvenut" (jiġifieri, l-*actio pauliana*). Dan huwa kollu kemm hu paragunabbli mal-*actio pauliana* fil-każ li wassal għas-sentenza Feniks.

86. Għaldaqstant għandha tiġi applikata l-ġurisdizzjoni f'materji kuntrattwali u l-qorti tar-rinviju għandha ġurisdizzjoni.

87. Madankollu, l-ewwel oġġezzjoni mressqa mir-rikorrenti tikkonsisti f'kontestazzjoni tal-pretensjoni li fuqha hija bbażata s-sigurtà *in rem*. Id-digriet tar-rinviju jsemmi pretensjoni tad-debitriċi għad-danni u għaldaqstant tpaċija, iżda ma jindikax b'mod ċar jekk din l-oġġezzjoni tistax titqies ukoll *actio pauliana* taħt id-dritt nazzjonali.

88. Inqis li mis-sentenza Feniks jirriżulta li dik il-kunsiderazzjoni fiha nnifisha ma hijiex deċiżiva. Jiena naqbel mal-Kummissjoni li, peress li s-sentenza Feniks tistabbilixxi l-kundizzjonijiet sabiex ikun hemm ġurisdizzjoni f'materji kuntrattwali fil-kuntest ta' *actio pauliana* li hija bbażata fuq kuntratt, ma jienx qed nibbaża lili nnifsi fuq il-kundizzjonijiet iddettaljati tal-*actio pauliana* taħt id-dritt nazzjonali – anki minħabba li dawn il-kundizzjonijiet ivarjaw neċessarjament bejn l-Istati Membri.

24 Sentenza tad-19 ta' Frar 2002, Besix (C-256/00, EU:C:2002:99). Ara Magnus, U., u Mankowski, M., iċċitat iktar 'il fuq.

89. Pereżempju, l-*actio pauliana* hija prevista f'sistemi legali ta' numru ta' Stati Membri, iżda hemm differenzi ċari bejn is-sistemi differenti. Ċerti Stati Membri jikkunsidraw din l-azzjoni bħala strument kuntrattwali u oħrajn jikkunsidrawha bħala strument mhux kuntrattwali, filwaqt li f'ċerti Stati Membri din l-azzjoni hija possibbli biss fil-kuntest ta' proċeduri ta' insolvenza [25].

90. Għaldaqstant, il-ġurisdizzjoni f'materji kuntrattwali prevista mir-Regolament Brussell I irriformulat ma tistax tiddependi fuq il-forma konkreta tal-*actio pauliana* taħt id-dritt nazzjonali. Jekk l-*actio pauliana* toriġina mill-eżekuzzjoni ta' obbligi kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u d-debitur, il-ġurisdizzjoni f'materji kuntrattwali tkun applikabbli għal azzjoni ppreżentata kontra terza persuna li lilha d-debitur ikun ittrasferixxa l-patrimonju tiegħu.

91. Fil-punt 47 tas-sentenza Feniks, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[t]ali konklużjoni tissodisfa iktar u iktar l-għan ta' prevedibbiltà tar-regoli ta' ġurisdizzjoni peress li professjonist li jkun ikkonkluda kuntratt ta' xiri ta' proprjetà immobbli jista', meta kreditur tal-kontraent tiegħu jilmenta li dan il-kuntratt jostakola indebitament l-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' dan il-kontraenti fir-rigward ta' dan il-kreditur, jistenna li jiġi mħarrek quddiem il-qorti tal-post tal-eżekuzzjoni tal-imsemmija obbligi".

92. F'dan ir-rigward, l-għarfien tal-konvenut dwar l-eżistenza tal-kuntratt(i) inkwistjoni huwa importanti.

93. Għandu jiġi enfasizzat li l-premessa 21 tar-Regolament Brussell I irriformulat tiddikjara kif ġej: "[f]l-interessi tal-amministrazzjoni armonjuża tal-ġustizzja huwa meħtieġ li titnaqqas il-possibbiltà ta' proċedimenti simultanji u jkun assigurat li ma jiġux mogħtija deċiżjonijiet irrikonċiljabbli fi Stati Membri differenti. Għandu jkun hemm mekkaniżmu ċar u effettiv sabiex jiġu riżolti każijiet ta' lis pendens u azzjonijiet relatati, u biex jiġu eliminati problemi li jirriżultaw minn differenzi nazzjonali dwar id-determinazzjoni taż-żmien meta jiġi rreġistrat każ bħala pendenti. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dak iż-żmien għandu jiġi definit b'mod awtonomu".

94. Jekk wieħed japplika s-sentenza Feniks għal din il-kawża, allura l-qorti tar-rinviju Awstrijaka titqies li għandha ġurisdizzjoni u, għal dak li jirrigwarda l-kwistjonijiet li apparentement ikunu għadhom pendenti quddiem qorti Taljana (b'mod partikolari l-pretensjoni tad-debitriċi għad-danni kontra l-konvenut), hija l-qorti Taljana li għandha ġurisdizzjoni f'dan ir-rigward. Fi kliem ieħor jidher li sa ċertu punt, f'din il-kawża, huwa inevitabbli li jkun hemm proċeduri simultanji f'żewġ Stati Membri differenti.

95. Madankollu, il-proċedura fl-Italja tirrigwarda partijiet li ma humiex identiċi għal dawk involuti fil-kawża prinċipali fl-Awstrija. Għaldaqstant, jeħtieġ sempliċement li jingħad li dan ma huwiex każ ta' konnessjoni mill-qrib fis-sens tal-premessa 21.

96. Infakkar li insostenn tas-soluzzjoni mogħtija hawn fuq hemm il-premessa 16 tar-Regolament Brussell I irriformulat, li skontha "[b]arra d-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm raġunijiet alternattivi ta' ġurisdizzjoni bbażati fuq konnessjoni mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. L-eżistenza ta' konnessjoni mill-qrib għandha tiżgura ċ-ċertezza legali u tevita l-possibbiltà li l-konvenut jiġi mħarrek f'qorti ta' Stat Membru li dan il-konvenut ma setax raġonevolment jipprevedi. [...]".

97. F'dan ir-rigward, il-punti ta' konnessjoni li ġejjin huma preżenti f'dan il-każ: id-dar inkwistjoni tinsab fl-Awstrija; ix-xogħlijiet rilevanti saru u s-servizzi ġew ipprovduti fl-Awstrija; il-fatturi nħarġu fl-Awstrija; il-proċeduri għall-għoti taċ-ċitazzjonijiet għall-eżekuzzjoni saru fl-Awstrija; l-att inkwistjoni ġie magħmul minn nutar Awstrijak; is-sigurtà *in rem* kienet irreġistrata fir-reġistru tal-artijiet fl-Awstrija; u l-proċeduri ta' eżekuzzjoni qegħdin iseħħu fl-Awstrija.

25 Ara Göranson, U., iċċitat iktar 'il fuq, p. 89.

98. Fil-fatt, kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-19 ta' Frar 2002, Besix (C-256/00, EU:C:2002:99, punt 31), "[i]r-raġuni għall-adozzjoni tar-regola ta' ġurisdizzjoni fl-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni ta' Brussell [li jikkorrispondi għall-punt 1 tal-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell I irriformulat] kienet b'intenzjoni ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u ta' tmexxija ta' proċeduri b'mod effikaċi […]. Normalment, il-qorti tal-post tat-twettiq tal-obbligi kuntrattwali li twassal għall-azzjoni tkun l-iktar waħda idonea sabiex tiddeċiedi l-każ, b'mod partikolari abbażi tal-prossimità u l-faċiltà sabiex tinġabar l-evidenza" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

99. Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-Artikolu 7 tar-Regolament Brussell I irriformulat jipprova jilħaq bilanċ bejn l-interessi tar-rikorrenti u tal-konvenut u jpoġġihom fuq livell iktar ibbilanċjat filwaqt li kieku eżista biss l-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, il-konvenut/debitur ikunu ffavoriti b'mod eċċessiv [26].

100. Li kieku wieħed kellu jibbaża l-ġurisdizzjoni b'mod riġidu fuq id-domiċilju tal-konvenut f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan ikun jista' jagħti lok għal abbuż – peress li jkun possibbli li jinħolqu sigurtajiet *in rem* favur persuni fiżiċi jew ġuridiċi fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni u b'hekk il-kredituri jiċċaħħdu mill-ġerarkija tagħhom fir-rigward tad-drittijiet fuq dar li t-titolu ta' proprjetà fuqha jkun ġie ttrasferit barra mill-pajjiż.

101. Fl-aħħar nett, bħala *obiter dictum*, huwa interessanti li tiġi indikata l-analiżi tax-*Schutzwürdigkeitsgesichtpunkte*, kif applikata mill-qrati Ġermaniżi f'każijiet bħal dan (is-soluzzjonijiet dwar kunflitt ta' liġijiet huma orjentati minn evalwazzjoni preċedenti tal-interess li jixraqlu l-ogħla livell ta' protezzjoni): id-dritt applikabbli jintgħażel billi tintgħażel il-liġi li tirregola r-relazzjoni ġuridika li jixirqilha l-ogħla protezzjoni ġudizzjarja fost it-tliet relazzjonijiet legali fi ħdan l-istruttura tal-*actio pauliana*, sabiex jiġi osservat il-prinċipju *nemo liberalis nisi liberatus* [27]. B'mod partikolari, fid-dritt sostantiv, dan ifisser li l-kreditur jiġi protett meta l-kuntratt ikun inħoloq artifiċjalment sabiex huwa jiġi mċaħħad mid-drittijiet tiegħu jew meta d-drittijiet taċ-ċessjonarju jkunu inqas *schutzwürdig* (li jkun jixirqilhom protezzjoni) minħabba n-natura gratuwita tat-trasferiment. Fil-kamp tal-kunflitt ta' liġijiet, il-protezzjoni tat-tliet partijiet involuti fl-*actio pauliana* tista' tiġi milħuqa billi tiġi applikata l-liġi li l-partijiet *in bona fide* jantiċipaw li għandha tapplika [28].

## IV. Konklużjoni

102. Għal dawn ir-raġunijiet, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Bezirksgericht, Villach (il-Qorti Distrettwali ta' Villach, l-Awstrija):

1) Il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali għandu jiġi interpretat fis-sens li l-azzjoni għal oppożizzjoni skont l-Artikolu 232 tal-Kodiċi Awstrijak dwar il-Proċeduri ta' Eżekuzzjoni ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Minflok, jeħtieġ li jiġu eżaminati l-oġġezzjonijiet individwali mressqa mir-rikorrenti. L-oġġezzjonijiet li jirrigwardaw kemm l-ineżistenza tal-pretensjoni li tirriżulta minn ftehim ta' self li fuqha huwa bbażat il-bejgħ ġudizzjarju b'subbasta kif ukoll il-fatt li l-ħolqien tas-sigurtà *in rem* għal dik il-pretensjoni taħt il-ftehim tas-self kien invalidu minħabba t-trattament preferenzjali tal-kredituri ma għandhomx rabta mill-qrib suffiċjenti mal-proċeduri ta' eżekuzzjoni u, għaldaqstant, ma jiġġustifikawx il-ġurisdizzjoni esklużiva taħt l-imsemmi punt 5 tal-Artikolu 24.

26 Ignatova, *Art. 5 Nr. 1 EuGVVO – Chancen und Perspektiven der Reform des Gerichtsstands am Erfüllungsort*, 2005, p. 71 *et seq.*; Lehmann, M., f'Dickinson/Lein, paragrafu 4.07.; u Magnus, U., u Mankowski, M., iċċitat iktar 'il fuq, p. 143. Ara wkoll Schack, *Der Erfüllungsort im deutschen, ausländischen und internationalen Privat- und Zivilprozessrecht*, 1985, p. 104; Lehmann, M., ZZP Int. 9 (2004), pp. 172, 283.

27 Ħadd ma jista' jagħti rigal sakemm ma huwiex ħieles mid-dejn; pereżempju, persuna falluta ma hijiex f'pożizzjoni li tittrasferixxi proprjetà jew ġid. Ara Lipstein, K., *Principles of the conflict of laws national and international*, The Hague, 1981, p. 39 *et seq.*

28 Ara Pretelli, I. (2012), iċċitat iktar 'il fuq, p. 638.

2) Il-punt 5 tal-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1215/2012 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għal tilwima bejn kredituri li tirrigwarda t-tqassim tar-rikavat minn bejgħ ġudizzjarju b'subbasta, u li fiha jitqajmu oġġezzjonijiet intiżi sabiex tiġi kkontestata l-eżistenza tal-pretensjoni oriġinali u li – bħall-*actio pauliana* – jallegaw in-nuqqas ta' possibbiltà ta' eżekuzzjoni tal-kostituzzjoni tas-sigurtà *in rem*.

3) Madankollu, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-*actio pauliana*, li toriġina mill-eżekuzzjoni ta' obbligu kuntrattwali bejn ir-rikorrenti u d-debitur, tista' tkun koperta mir-regola ta' ġurisdizzjoni internazzjonali prevista fil-punt 1(a) tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 1215/2012.